MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 16/2005

**Gasan Enterperises Limited (C-467)**
**vs**
**Kathleen Gough**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u erbgha u tmenin lira Maltija u tnejn u sittin centezmu (Lm884.62), dovuti skond hdax-il kambjala (110 li gew iffirmati minnha u li skadew fil-5 ta' Frar 2004, 5 ta' Marzu 2004, 5 ta' April 2004, 5 ta' Mejju 2004, 5 ta' Gunju 2004, 5 ta' Lulju 2004, 5 ta' Awissu 2004, 5 ta' Settembru 2004, 5 ta' Ottubru 2004, 5 ta' Novembru 2004, u 5 ta' Dicembru 2004, izda baqa' ma thallsux u dana nonostante li giet diversi drabi nterpellata, u dana kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Ottubru, 2004, u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenuta, u bl-imghax kontra l-istess konvenuta**

**mid-data ta' kull skadenza, u bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fit-18 ta' Marzu, 2005, li biha gie cedut is-sorte pero` inzamm ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-mertu, jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez tal-prezenti proceduri, komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 27 ta' Ottubru, 2004, u tal-parir (Lm15.00).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------